*Artikoli 6,7 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea*

*Ic-Certezza tad-Dritt*

*Res Judicata*

*The Rule of Law*

*Just Satisfaction*

# QORTI CIVILI - PRIM' AWLA

## (Sede Kostituzzjonali)

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 26 ta' Jannar 2017

**Kawza Numru : 2**
**Rikors Kostituzzjonali Numru : 31/2015/LSO**

**Marks and Charles Limited u Joseph Borg**

**vs**

**Avukat Generali**

*26 ta' Jannar 2017.*

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors Kostituzzjonali ta’ Joseph Borg porprja u ghan-nom tas-socjeta` Marks and Charles Limited datat 21 ta’ April 2015 fejn esponew: -

Illi r-rikorrenti Marks and Charles Limited u Joseph Borg kienu l-atturi fil-kawza civili numru 512/1989 li Joseph Borg f’ismu proprju u fil-kwalita' tieghu ta' direttur tas-socjeta' Marks and Charles Limited ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess socjeta' istitwixxa kontra Joseph Pace fil-kwalita' tieghu ta' direttur tas-socjeta' Terry Limited ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess socjeta` u Norman Buckle u Victor Balzan fil-kwalita` taghhom ta' diretturi tas-socjeta' Paola Development Co. Ltd. ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess socjeta'.

Illi fl-imsemmija kawza l-atturi ressqu dawn it-talbiet gudizzjarji:

“1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kuntratt ta' trasferiment tat-8 ta’ Dicembru 1981 fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon u l-iskrittura privata tal-istess data redatta min-Nutar Joseph Henry Saydon saru b'vizzju tal-kunsens ta' Paola Development Co. Ltd. u tal-attur meta kien direttur tal-istess socjeta` u l-ebda hlas ma qatt sar.

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut Joseph Pace *nomine* hu responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur *proprio et nomine* kif fuq inghad.

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur *proprio et nomine*.

4. Tikkundanna lill-konvenut Joseph Pace *nomine* jhallas dawk id-danni hekk likwidati.

5. Tordna lill-konvenut Joseph Pace *nomine* jibqa' inibit milli jbiegh, jassenja jew b'xi mod jittrasferixxi l-imsemmija artijiet jew xi drittijiet fuq l-istess artijiet Ta' Zilfa jew Ta' Beligna limiti tal-Fgura biex ma jnaqqasx il-garanziji tal-attur u dan sakemm ihallas dawk id-danni likwidati li jkun ikkundannat ihallas minn din il-Qorti. Bl-ispejjez..."

Illi b'sentenza preliminari fil-kawza msemmija tas-16 ta' Ottubru 1995, il-Prim Awla tal-Qorti Civili rrispingiet l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta rigwardanti l-karenza tal-interess guridiku u dan *stante* illi l-attur ma kienx qed jagixxi bhala *shareholder* tas-socjeta` Paola Developments Company Limited imma agixxa bhala persuna li allegatament sofra danni mill-operat allegat abbuziv ta' l-konvenut Pace *nomine,* liema agir gie *del resto* sussegwentement ikkonfermat mill-Qorti ta' l-Appell bis-sentenza taghha tas-6 ta' April 2006. Illi din is-sentenza tas-16 ta' Ottubru 1995 ma gietx appellata mill-konvenuti, biex b'hekk ifformat stat in konfront tal-kontendenti.

Illi b'nota tas-17 ta' Ottubru 2003 il-konvenut Terry Limited ammetta t-talbiet attrici izda zamm ferm u shih il-kap tal-ispejjez *stante* illi hass li dawn ghandhom jithallsu mis-socjeta' Paola Developments Co. Ltd, u dan wara li l-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni ddikjarat illi 'prima facie' Joseph Pace wettaq atti ta' korruzzjoni, u wara l-mewt tal-ex Ministru Lorry Sant li baqa' jheddu sal-ahhar ta' hajtu.

Illi b'sentenza moghtija fit-18 ta' Gunju 2004, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili, presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Cuschieri, iddecidiet illi l-kunsens ta' l-attur ghall-kuntratt tat-8 ta' Dicembru 1981 - apparti l-ammissjoni tal-konvenut Pace *nomine* - kien vizzjat b'theddid serju u reali, u li dan l-agir illegali jikkostitwixxi delitt mill-aspett civili, bil-konsegwenza li s-socjeta` konvenuta Terry Limited akkwistat b'mod frawdolenti awment sostanzjali fil-patrimonju taghha ghad-dannu tas-socjeta` Paola Developments Co. Limited, li f'dak iz-zmien l-attur *proprio et nomine* kien id-direttur u proprjetarju ta' nofs l-azzjonijiet; u rriteniet li kien l-agir illegali u delittwuz ezercitat fuq l-attur li jifforma l-bazi ta' l-azzjoni, u li dan ta lok ghad-danni sofferti mill-attur b'rizultat ta' l-istess trasferiment. Skont l-istess sentenza, il-kawza kienet tinkwadra ruhha taht l-Istitut ta' Delitti u Kwazi-delitti (artikoli 1031 u 1033 tal-Kap. 16), u, b'rizultat ta' l-atti minnha indikati li saru fuq l-atturi, is-socjeta` konvenuta Terry Limited iggwadanjat b'mod abbuziv u ghalhekk ghandha taghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-attur. Gie ritenut illi d-danni sofferti kienu relatati ma' l-atti delittwuzi kommessi fuqu b'konsegwenza

ta' l-att tat-8 ta' Dicembru 1981, u fuq dina l-bazi sostniet illi l-allegazzjonijiet ta' l-atturi fil-konfront tas-socjeta` Terry Limited jirrizultaw ipprovati ghar-ragunijiet indikati, inkluz l-ammissjoni da parti tas-socjeta` konvenuta Terry Limited. B'hekk il-Qorti laqghet l-ewwel zewg talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta` Terry Limited izda mhux fil-konfront tas-socjeta` Paola Developments Co. Limited (peress li fil-konfront taghha ma gie riskontrat l-ebda nuqqas li jwassal ghal responsabbilita`). Il-Qorti ordnat il-prosegwiment tal-kawza fuq il-kumplament tat-talbiet attrici u l-kontro-talba tas-socjeta' Terry Limited.

Illi fit-18 ta' Gunju 2004, l-Amministratur Provvizorju ta' Terry Limited talab permess sabiex jappella mis-sentenza *in parte*, liema talba giet milqugha, u sussegwentement gie intavolat appell minnu.

Illi fit-23 ta' Gunju 2004, HSBC Bank Malta p.l.c. talab permess sabiex jappella mis-sentenza *in parte*, liema talba giet ukoll milqugha, u sussegwentement gie intavolat appell mill-imsemmi Bank.

Illi fir-rikors tal-imsemmi Bank jinghad li s-sentenza hija nulla ghaliex ma gewx decizi l-eccezzjonijiet indikati mressqa mis-socjeta' konvenuta Terry Ltd, fejn jinghad li l-attur ma kienx vittma tal-vjolenza izda kompartecipi fl-atti ta' korruzzjoni sabiex art bla permess inhargilha l-permess u nbieghet bi prezz ferm ghola minn kif inxtrat mis-socjeta' PDCL u dan jammonta ghall-kawza illecita li skont l-artikolu 991 (2) tal-Kap 16, u li l-ammissjoni *da parte* ta' Terry

Limited tammonta ghall-att ta' kolluzzjoni, u l-azzjoni attrici hija preskritta a bazi tal-artikolu 2153 jew 2154 kombinat mal-artikolu 251 u artikolu 688 (d) tal-Kodici Kriminali, u fejn indikat l-allegat interess tieghu ta' terz li jaghmel dan l-appell.

Izda, b'sentenza moghtija fis-6 ta' April 2006, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ordnat l-isfilz ta' l-appell ta' l-Amministratur Provvizorju ghan-nom ta' Terry Limited, u dan ghar-raguni hemm indikata. Inoltre, iddikjarat il-karenza ta' interess guridiku rikjest mil-ligi da parti ta' HSBC Bank Malta p.l.c. peress li din kienet kawza ghad-danni u mhux ghar-rexissjoni tal-kuntratt tat-8 ta' Dicembru 1981, f'liema kuntratt il-Bank ma kien bl-ebda mod involut. B'hekk, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza *in parte* moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Gunju 2004 u ordnat li l-kawza tigi rimessa lill-Ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni.

Illi b'hekk is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Gunju 2004 ghaddiet in gudikat, liema sentenza kienet iddecidiet 'inter alia':

"Tiddikjara li l-attur *proprio et nomine* kien gie sfurzat u kostrett bl-uzu ta' vjolenza li jaghti l-kunsens tieghu ghat-trasferiment tal-artijiet indikati fic-citazzjoni ghal fuq Terry Limited, u li sar b' kuntratt datat 8 ta' Dicembru 1981 fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon, kif ukoll ghall-iskrittura privata maghmula fl-istess data rigwardanti redenzjoni ta' cens; u li

Rizultat ta' dan, l-attur *proprio et nomine* sofra danni kif fuq indikat, ghal-liema danni ghandha tirrispondi s-socjeta' Terry limited."

Illi wara li l-atti gew rimessi kif ordnat mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, gie rregistrat verbal fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2006 mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili li bih l-attur inghata terminu sabiex jipprezenta Prospett dwar id-danni reklamati minnu.

Illi permezz ta' nota pprezentata fit-28 ta' Novembru 2006, l-attur iddikjara li qed jippretendi danni ammontanti ghal Lm977,500.00, nofs il-valur tal-*plots* indikati (Lm85,000 kull *plot x 23 plots*), skont stima tal-Perit Edgar Caruana Montalto datata 27 ta' Novembru 2006.

Illi fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu l-attur rega' ddikjara li d-danni reklamati minnu kienu jammontaw ghal €2,221,963, liema danni kienu bbazati fuq stima maghmula mill-Perit Edgar Caruana Montalto datata 27 ta' Novembru 2006.

Illi fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2010 l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili, presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Raymond Pace, illum mejjet, iddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghas-17 ta' Gunju 2010.

Illi b'sentenza moghtija fis-17 ta' Gunju 2010, l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza hekk:

"Illi ghalhekk fil-kuntest tal-azzjoni attrici, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi tichad it-tielet, ir-raba' u l-hames talba attrici *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi. Bl-ispejjez ta' din id-decizjoni a karigu tal-atturi.

Illi dwar il-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta Terry Limited, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi tichad it-tieni talba tal-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta Terry Limited, izda tilqa' l-ewwel talba tal-kontro-talba biss kif hawn deciz, u ghar-ragunijiet hawn decizi, b'dan illi:-

1. Tirrevoka l-imsemmi Mandat ta' Inibizzjoni Nru 6/89 fl-ismijiet "Joseph Borg *proprio et nomine* vs Joseph Pace noe" mahrug mill-Qorti tal-Kummerc fl-20 ta' April 1989 *stante* li ma giex segwit b'citazzjoni skont it-termini tal-istess mandat

Bl-ispejjez tal-kontro-talba ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn l-atturi u s-socjeta' konvenuta Terry Limited."

Illi b'dan il-mod, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili warrbet u gabet fix-xejn materja li kienet 'res judicata'.

Illi kif jirrizulta minn ezami tal-imsemmija sentenza tas-17 ta' Gunju 2010, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili injorat dak li kien gie deciz bis-sentenza tat-18 ta' Gunju 2004 pronunzjata mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri, li kienet

'res judicata', investiet il-kwistjoni mill-gdid kif dehrilha hi u b'ragunament li jikkozza bis-shih mar-'res judicata' u waslet ghal konkluzjonijiet konfliggenti u inkonsistenti mad-'decide' tas-sentenza tat-18 ta' Gunju 2004 li kienet iddecidiet:

"Tiddikjara li l-attur *proprio et nomine* kien gie sfurzat u kostrett bl-uzu ta' vjolenza li jaghti l-kunsens tieghu ghat-trasferiment tal-artijiet indikati fic-citazzjoni ghal fuq Terry Limited, u li sar b' kuntratt datat 8 ta' Dicembru 1981 fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon, kif ukoll ghall-iskrittura privata maghmula fl-istess data rigwardanti redenzjoni ta' cens; u li

Rizultat ta' dan, l-attur *proprio et nomine* sofra danni kif fuq indikat, ghal-liema danni ghandha tirrispondi s-socjeta' Terry Limited;".

Izda, wara li gie interpost appell mill-atturi kontra s-sentenza tas-17 ta' Gunju 2010, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, similment, injorat dak li kien gie deciz minnha stess bis-sentenza taghha tas-6 ta' April 2006 - li biha kienet ikkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti tat-18 ta' Gunju 2004 - u, bi ksur palesi tal-principju ta' 'res judicata', tat is-sigill tal-konferma taghha lis-sentenza ta' l-Ewwel Qorti tas-17 ta' Gunju 2010 li kienet vjolattiva tal-principju ta' 'res judicata'.

IIIi *in vista* ta' dina l-konfuzjoni, ir-regola dwar 'res judicata' giet maqluba ta' taht fuq u imwarrba.

Illi 'res judicata' huwa principju tad-dritt mill-aktar fondamentali, li huwa applikat mhux biss fid-Dritt Malti izda anke fil-kuntest tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi 'res judicata' hu principju vitali ghac-certezza tad-dritt. Hekk jinghad minn Harris, O'Boyle & Warbrick, "Law of the European Convention on Human Rights" (Tieni Edizzjoni - OUP) pag. 269:

"The right to a fair hearing also requires that, in accordance with the principle of 'res judicata', the judgment by the final court that decides a case should be irreversible, in accordance with the principle of legal certainty."

L-istess jinghad mill-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza taghha "Brumarescu v. Romania" (1999 - VII; 33 EHRR 862 para 61):

"One of the fundamental aspects of the rule of law is the principle of legal certainty, which requires *inter alia* that where the courts have finally determined an issue their ruling should not be called into question ....".

Kemm it-talba ghal dikjarazzjoni dwar l-event dannuz, kif ukoll it-talba ghal dikjarazzjoni dwar responsabbilita' kienu diga’ gew decizi u ssigillati mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell bis-sentenza tas-6 ta' April 2006, u ma kienx konsentit lill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili li terga' tiftah il-kwistjoni billi ssib li l-Qorti m'ghandhiex tillikwida d-danni, meta din

kienet proprju r-raguni ghala l-kaz gie mibghut lura quddiemha biex tikkunsidra t-talbiet l-ohra. Ir-'res judicata' ttemm il-possibilita' li kwistjonijiet jibqghu miftuha, meta jkunu ghaddew minn procediment gudizzjarju li sar definittiv.

Illi b'dan il-mod, zewg livelli ta' qrati ta' gurisdizzjoni civili - wahda qorti ta' prim'istanza u l-ohra qorti revizorja - qishom kitbu mill-gdid decizjoni li ma kienux jaqblu maghha, avolja is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-18 ta' Gunju 2004 kienet ghaddiet in gudikat b'effett mis-6 ta' April 2006.

Illi dina l-konfuzjoni kkrejata kellha mbaghad effett fuq proceduri civili ohra, kif jidher car mis-segwenti siltiet mis-sentenza fl-ismijiet "Joseph Borg f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Marks and Charles Limited kif debitament awtorizzat vs. Vica Limited; HSBC Bank Malta p.l.c; Terry Limited u STG Limited" (Citazzjoni Numru 803/2003) moghtija fis-16 ta' Settembru 2014, li fiha tidher cara s-sorpriza ta' gudikant sedenti:

"Fiha nnifisha dik is-sentenza kienet taghti lill-atturi l-interess guridiku jkomplu din il-kawza. Is-sentenza tat-18 ta' Gunju 2004 hi cara, fis-sens li:

i. Il-kunsens ta' Joseph Borg sabiex jiffirma l-kuntratt tat-8 ta' Dicembru 1981 kien ittiehed bl-uzu tal-vjolenza......

ii. B'rizultat ta' dan l-agir Joseph Borg u Mark & Charles Limited kienu sofrew danni.....

(omissis)

Madanakollu minn meta l-kawza li qieghda tigi deciza llum thalliet ghas sentenza, sehh zvilupp fatali ghall-kawza tal-atturi. Fis-27 ta' Gunju 2014 inghatat sentenza mill-Qorti tal-Appell li kkonfermat is-sentenza ta' din il-Qorti tas-17 ta' Gunju 2010 fil-kawza Joseph Borg *proprio et nomine* vs. Joseph Pace *nomine et* (512/1989) li:

1. Cahdet it-talba tal-atturi:

(a) ghal likwidazzjoni tad-danni li sofrew;

(b) ghal kundanna ta' hlas ta' Terry ghad-danni li sofrew l-atturi;

(c) sabiex l-istess kumpanija tibqa' inibita milli tbiegh, tassenja jew b'x mod tittrasferixxi l-artijiet jew drittijiet fuq l-artijiet oggett tal-kawza.

2. Laqghet ir-rikonvenzjoni ta' Terry Limited ghat-thassir tal-mandat ta' inibizzjon 6/89.

Dan hu l-istat ta' fatt li llum ghandha quddiemha din il-Qorti. Minn dak il-mument l-atturi tilfu l-interess guridiku sabiex ikomplu b'din il-kawza....."

IIIi b'rizultat tan-nuqqas ta' aderenza mas-sentenza li kienet ghaddiet in gudikat, inholoq pregudizzju serju ghar-rikorrenti odjerni.

Illi l-principju tac-certezza legali huwa wiehed mill-aspetti fondamentali tar-'Rule of Law'. Dan jiggarantixxi certa stabbilita` f'sitwazzjonijiet legali u jikkontribwixxi biex il-Qrati jgawdu l-fiducja tal-pubbliku.

Illi bl-Artikolu 1 taghha, il-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kapitolu 319) tiggarantixxi ('secures') id-drittijiet fondamentali kontenuti fil-Konvenzjoni Ewropea lil 'kull persuna', minghajr l-ebda distinzjoni.

Illi b'hekk ir-rikorrenti Marks and Charles Limited u Joseph Borg ma kellhomx smigh xieraq tal-kawza, u dan bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi inoltre, ir-rikorrenti sofrew vjolazzjoni tal-garanzija dwar certezza legali, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Illi minhabba dan kollu, ir-rikorrenti sfaw minghajr rimedju effettiv quddiem l-awtoritajiet nazzjonali, u dan bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Ghaldaqstant, *in vista* ta' dawn il-vjolazzjonijiet kommessi mill-Qrati stess, ir-rikorrenti Joseph Borg u Marks and

Charles Limited jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

(1) Taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tizgura t-twettiq tad-drittijet fondamentali tar-rikorrenti *proprio et nomine;*

(2) Tiddikjara illi fil-kawza numru 512/89 Joseph Borg *proprio et nomine* vs. Terry Limited, ir-rikorrenti ma kellhomx smigh xieraq tal-kawza, u dan bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta);

(3) Tiddikjara illi r-rikorrenti sofrew vjolazzjoni tal-garanzija dwar certezza legali, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea;

(4) Tiddikjara inoltre illi b'rizultat ta' dan kollu, ir-rikorrenti sfaw minghajr rimedju effettiv quddiem l-awtoritajiet nazzjonali, u dan bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea;

(5) Konsegwentement tiddikjara s-sentenza tas-17 ta' Gunju 2010 moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili u s-sentenza tas-27 ta' Gunju 2014 moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell invalidi, nulla u bla effett;

(6) Tordna l-hlas ta' kumpens xieraq lil kull wiehed mir-rikorrenti.

Rat li din ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tas-26 ta' Mejju 2015.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali datata 14 ta' Mejju 2015 a fol 17 tal-process fejn espona:

1. Illi preliminarjament l-azzjoni odjerna hija frivola u vessatorja *stante* li tikkostitwixxi sempliċement ir-riproponiment ta' kwistjoni diġa deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell u li illum hija *res judicata.* Bir-rispett dovut, huwa ċar li l-uniku għan tar-rikorrent permezz ta' dawn il-proċeduri straordinarji kostituzzjonali huwa li jittenta jħassar jew *'jappella'* mis-sentenza tas-17 ta' Ġunju 2010 mogħtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u s-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2014 mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-proċeduri numru 512/89 fl-ismijiet ***Joseph Borg f'ismu proprju u fil-kwalità tiegħu ta' direttur tas-soċjetà Marks and Charles Limited għan-nom u in rappreżentanza tal-istess vs. Joseph Pace fil-kwalità tiegħu ta' direttur tas-soċjeta` Terry Limited għan-nom u in rappreżentanza tal-istess; u Norman Buckle u Victor Balzan fil-kwalità tagħhom ta' diretturi tas-soċjeta` Paola Development Co. Ltd għan-nom u in rapprezentanza tal-istess għal kwalunkwe interess li jista' jkollhom, u b'digriet tal-11 ta' Ġunju 2008 il-Qorti ordnat li HSBC Bank Malta p.l.c jiġi mdaħħal fil-kawża in statu et terminis; u b'digriet tal-24 ta' Marzu 2009 il-Qorti awtorizzat li s-soċjeta` VICA Limited tintervjeni fil-kawża in statu et terminis; u b'digriet ieħor datat 26***

***ta' Marzu 2009 awtorizzat lis-soċjeta` Paola Developments Company Limited tintervjeni fil-kawża in statu et terminis***;

2. Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost, mill-atti jirriżulta li r-rikors promutur ġie ntavolat minn Joseph Borg fil-kwalità tiegħu personali biss b'dan illi l-kliem '*Marks and Charles Limited*' għandhom jitħassru mill-okkju tal-kawża;

3. Illi fit-tielet lok u dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, invista tal-allegazzjonjiet u t-talbiet tar-rikorrent, l-esponent huwa tal-umli fehma li għandhom jiġu kjamati in kawża l-konvenuti u l-intervenuti fil-kawża fil-proċeduri numru 512/89 surriferiti;

4. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, mhuwiex minnu li seħħet vjolazzjoni tal-Artikolu 6 u/jew 7 u/jew 13 tal-Konvenzjoni Ewropea fil-konfront tar-rikorrent kif allegat minnu u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:-

a. Illi kull allegazzjoni tar-rikorrent fis-sens illi li s-sentenzi tas-17 ta' Ġunju 2010 mogħtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u tas-27 ta' Ġunju 2014 mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-proċeduri numru 512/89 fl-ismijiet surriferiti jikkozzaw ma' deċiżjoni parzjali finali tat-18 ta' Ġunju 2004 fl-istess proċeduri hija għal kollox infondata. L-imsemmija deċiżjonijiet huma effettivament legalment korretti għar-raġunijiet minnhom mogħtija u l-fatt

li b'sentenza parżjali intlaqgħu l-ewwel żewġ talbiet attriċi bl-ebda mod ma kien jorbot lill-Onorabbli Qorti Ċivili Prim' Awla jew lill-Onorabbli Qorti tal-Appell tilqa' t-talbiet attriċi l-oħra b'dan illi ma hemm xejn konfliġġenti jew inkonsisenti bejn l-imsemmija deċiżjonijiet u d-deċide tas-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2004 kif allegat mir-rikorrent. Minn qari akkurat tal-imsemmija deċiżjonijiet isegwi ukoll li kull allegazzjoni li Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla jew lill-Onorabbli Qorti tal-Appell '*warrbu'* jew '*ġabu fix-xejn*' jew addirittura '*injoraw'* jew '*reġgħu fetħu'* materja li kienet '*res judicata'* hija manifestament bla bażi u insostenibbli;

b. Illi effettivament il-prinċipju taċ-ċertezza legali dejjem ġie rispettat fl-imsemmija proċeduri u kull allegazzjoni li l-prinċipju ta' '*res judicata'* ġie mwarrab huwa għal kollox infondat;

c. Illi bir-rispett dovut, huwa ċar li l-uniku għan tar-rikorrent permezz ta' dawn il-proċeduri straordinarji kostituzzjonali huwa li jittenta jħassar jew *'jappella'* mis-sentenza tas-17 ta' Ġunju 2010 mogħtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u s-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2014 mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-proċeduri numru 512/89 surriferiti għaliex huwa ma jaqbilx ma' dak hemm deċiż. *Dato ma non concesso* li l-imsemmija deċiżjonijiet huma legalment ħżiena kif qed jalludi r-rikorrent, dan ma jeradikax id-dritt għal smigħ xieraq. Kif tgħallimna l-ġurisprudenza nostrana, id-dritt għas-smigħ xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenzi fil-mertu iżda jiggarantixxi biss l-aderenza ma' ċerti prinċipji

proċedurali illi huma konduċenti għall-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja bħal m'huma l-indipendenza u l-imparzjalità tal-Qorti u tal-ġudikant, *audi alteram partem* u smigħ u pronunċjament tas-sentenza fil-pubbliku. Fil-fatt, din l-Onorabbli Qorti fil-mansjoni Kostituzzjonali tagħha hija bir-rispett kollu kompetenti biss biex tiddeċiedi jekk ġewx leżi xi drittijiet fondamentali protetti bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni Ewropea u mhux li tirrevedi s-sentenzi tal-Qrati l-oħra biex tiddeċiedi jekk dawn ġewx deċiżi sewwa jew le;[1]

d. Illi l-fatt li sentenza tas-17 ta' Ġunju 2010 mogħtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u s-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2014 mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-proċeduri numru 512/89 surriferiti ċaħdu t-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet attriċi filwaqt li laqgħat l-ewwel talba tal-kontro talba u ċaħdet it-tieni talba tal-kontro-talba ta' Terry Limited ma jwassal għall-ebda ksur tal-Artikolu 13 kif allegat mir-rikorrent;

e. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, in kwantu r-rikorrent qiegħed jallega li sofra vjolazzjoni tal-garanzija dwar ċertezza legali bi ksur tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponent jirrileva li dan l-argument f'kull każ ma jreġix. Ibda biex, dan l-Artikolu jirreferi għal reat kriminali mentri l-proċeduri li għalihom jirreferi r-rikors promutur huma ta' natura ċivili. Fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju, dak li qed jallega r-rikorrent mhuwiex li hemm inċertezza fl-interpretazzjoni ta' liġi partikolari iżda

[1] Qorti Kostituzzjonali, '*J.E.M. Investments Limited v. Avukat Ġenerali et*' deċiża fit-30 ta' Settembru 2011.

inċertezza li allegatament temani minn diversi sentenzi mogħtija fil-proċeduri surriferiti. Isegwi għalhekk li l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea mhux applikabbli fiċ-ċirkostanzi odjerni;

5. Illi finalment, *dato ma non concesso* li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, l-esponent jissottometti li ma hemm l-ebda lok għar-rimedji mitluba mir-rikorrent.[2]

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant l-esponent, jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 26 ta' Mejju 2015 fejn meta ssejhet il-kawza deher ir-rikorrent Joseph Borg assistit minn Dr Tonio Azzopardi u Dr Edward Debono. Dehret ukoll Dr Sarah Portelli ghall-Avukat Generali. B'referenza ghat-tieni eccezzjoni ssollevata mill-Avukat Generali, l-Qorti wara li semghet id-difensuri tal-partijiet u konsiderando li l-kawza odjerna hija wahda kostituzzjonali fejn il-ligi tippermetti aktar flessibilita' milli fil-proceduri ordinarji, u wara li rat l-Art 175 tal-Kap 12 qieset li l-okkju tal-kawza huwa integru u ordnat il-korrezzjoni tar-rikors kostituzzjonali billi fl-intestatura fejn tghid "Rikors Kostituzzjonali ta' Joseph Borg" jizdiedu l-kliem "*proprio* u ghan-nom tas-socjeta' Marks and Charles Limited", u ordnat li l-atti jigu korretti kull fejn hu mehtieg. Dr Sarah Portelli tat ruhha b'notifikata bil-korrezzjoni u rrinunzjat ghal

[2] *Major Peter Manduca vs l-Onorevoli Prim' Ministru* deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta' Jannar 1995

kull terminu; Dr Tonio Azzopardi u Dr Edward Debono ghar-rikorrent rrinunzjaw ghall-hames (5) talba fir-rikors promotur. Dr Sarah Portelli ghall-Avukat Generali zzomm ferm it-tielet eccezzjoni taghha.

Il-Qorti wara li semghet it-trattazzjoni tal-partijiet f'dan l-istadju u *in vista* tal-fatt li l-hames (5) talba giet irtirata, cahdet it-talba ghall-kjamata in kwaza tal-partijiet l-ohra fil-procedura civili 512/1989 billi l-presenza taghhom mhijiex misthoqqa f'dawn il-proceduri li huma ta' indoli kostituzzjonali skont il-fatti partikolari ta' dan il-kaz. Dr Tonio Azzopardi talab l-allegazzjoni tal-atti tal-kawza 512/1989. It-talba mhix opposta. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li ssir komunika lir-Registratur Qrati (Civili u Tribunali) sabiex l-atti jigu allegati. Il-Qorti awtorizzat lir-rikorrent biex jipprezenta x-xhieda tieghu bil-procedura tal-affidavits u sabiex jigu allegati l-atti tal-kawza msemmija ghall-14 ta' Lulju 2015 f' 11:45 a.m.

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali datata 9 ta' Novembru 2015 (fol 38) fejn l-esponent talab lill-Qorti joghgobha tordna l-isfilz tal-affidavit tar-rikorrenti Joseph Borg jew ta' dawk il-partijiet minnu li din l-Qorti jirrizultawlha ingurjuzi, offensivi, oggezzjonabbli, spekulattivi jew mhux limitati ghall-fatti rilevanti ghall-proceduri odjerni u dan taht dawk id-direttivi ta' din il-Qorti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-3 ta' Dicembru 2015 a fol 41 *et seq* tal-process ghar-rikors ta' l-Avukat Generali datat 9 ta' Novembru 2015 fejn : *"Il-Qorti ser takkolji t-talba tal-Avukat Generali fir-rigward tal-frazjijiet imsemmija fil-hames*

*paragrafu tar-rikors tieghu tad-9 ta' Novembru 2015 u tordna li dawn il-frazjijiet jigu kkancellati billi tqishom offensivi u ingurjuzi, spekulattivi u irrilevanti ghall-kaz odjern."*

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti Marks and Charles Limited u Jospeh Borg datata 2 ta' Mejju 2016 a fol 58 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat Generali datata 30 ta' Gunju 2016 a fol 71 tal-process.

Rat il-verbali kollha tas-seduti mizmuma l-Hamis, 3 ta' Novembru 2016 fejn meta ssejjah ir-rikors deher ir-rikorrent Joseph Borg assistit minn Dr Edward Debono u Dr Tonio Azzopardi. Dehret Dr Sarah Portelli ghall-intimat. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni estensiva tad-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Ir-rikors gie differit ghas-sentenza ghas-26 ta' Jannar 2017 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi r-rikorrent *proprio et nomine* qed jilmenta li sofra lezjoni fid-drittijiet fondamentali tieghu fit-termini tal-**Artikoli 6 u 7, tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem - Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta,** 'il quddiem imsejjah "**Il-Konvenzjoni**" minhabba is-sentenza moghtija

fil-kawza numru 512/89 fl-ismijiet **Joseph Borg *proprio et nomine* v Terry Limited et** u li b'konsegwenza ta' dan safa minghajr rimedju bi ksur tal-**Artikolu 13 tal-Konvenzjoni.** Talab ghalhekk li din il-Qorti taghmel dawk l-ordnijiet u direttivi xierqa sabiex tizgura t-twettiq tad-drittijiet fondamentali tieghu.

Illi l-Avukat Generali oppona ghat-talbiet billi sostna li l-azzjoni odjerna hija frivola u vessatorja u biss tentattiv ta' appell minn sentenza li ghaddiet in gudikat; li huwa fattwalment infondat; li anke f'kaz li s-sentenzi lanjati kienu legalment hziena, b'hekk ma jfissirx li d-dritt ghas-smigh xieraq gie lez; li l-fatt li it-talbiet rimanenti tal-attur fil-kawza lanjata gew michuda ma jfissirx li gie mcahhad mir-rimedju skont l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni; u li l-artikolu 7 ccitat mill-attur japplika ghall-proceduri ta' natura kriminali mhux civili u ghalhekk mhuwiex applikabbli ghall-kaz odjern.

Illi **t-Tieni eccezzjoni** giet sorvolata bil-korrezzjoni awtorizzata u ghalhekk din il-Qorti tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni taghha.[3]

Illi riferibbilment ghat-**tielet eccezzjoni** dwar it-talba tal-kjamat in kawza tal-konvenuti u intervenuti fil-kawza lanjata, ghandu jinghad li r-rikorrent rtira l-hames talba tieghu sabiex l-istess sentenza kemm fl-ewwel istanza kif ukoll fit-tieni istanza, jigu dikjarati nulli, u l-Qorti ghaddiet biex tichad din it-talba.[4]

---

[3] Verbal tas-26 ta' Mejju 2015 a fol 21,22.
[4] Verbal tas-26 ta' Mejju 2015 a fol 21,22.

Illi fir-rigward **tal-ewwel u r-raba' eccezzjoni (4(a)(b)u(c)** in kwantu jirreferu ghall-applikazzjoni **tal-artikolu 6** ghall-fatti tal-kaz, din il-Qorti hi tal-fehma li dawn huma kollha relatati u konsegwenzjali ghal xulxin u ghalhekk ser tittrattahom fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar l-principju ta' *res judicata* fil-kuntest tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni kif applikati ghall-kaz in disamina.

**Fatti**

Ikkonsidrat li bil-proceduri li gew istitwiti mir-rikorrent odjern, fl-istess kwalita' tieghu premessa ir-rikorrent kien qed ifittex ir-risarciment ghad-danni mill-intimati Terry Limited u Paola Development Company Limited (PCDL) talli kien gie kostrett b'theddid u vjolenza biex jaghti l-kunsens tieghu ghat-trasferiment ta' 23 *plot* fl-artijiet maghrufa bhala *'Ta' Beligna'* u '*Ta' Zilfa'* fil-limiti tal-Fgura. Fil-kors tal-proceduri, senjatament meta l-atti gew rimandati quddiem il-Qorti fit-tieni fazi tal-proceduri, proprju dawk li huma l-mertu tal-kaz tallum, gew ammessi bhala intervenuti fil-proceduri l-HSBC Bank Malta plc u Vica Limited.

Illi dawk il-proceduri zvolgew essenzjalmen fi tliet fazi:

1. sentenza preliminari li ddisponiet mill-eccezzjoni dwar in-nuqqa ta' interess guridiku tal-attur, li giet michuda;

2. 18 ta' Gunju 2004 - Sentenza tal-Qorti li ddisponiet mill-ewwel zewg talbiet (dikjarazzjoni li l-kunsens tal-attur kien vizzjat kif premess, u l-addebitar tar-responsabblita`) u kkonfermata fis-Sede ta' l-Appell - dik li ghall-fini tal-proceduri odjerni hija is-sentenza li ghaddiet in gudikat;

3. Sentenza tal-Qorti li iddisponiet mir-rimanenti tliet talbiet (likwidazzjoni u kundanna hlas tad-danni, u z-zamma tal-inibizzjoni kontra l-intimata fil-kawza biex ma tbieghx l-artijiet in mertu), liema sentenza giet ukoll ikkonfermata fl-Appell - is-sentenza lanjata.

Illi bhala retroxena fattwali din il-Qorti ser tagmel referenza ghall-fatti kkonstatati mill-Qorti tat-18 ta' Gunju 2004 (ghas-semplifikazzjoni ser tkun riferuta bhala l-**Ewwel Sentenza**) billi din is-sentenza giet ikkonfermata mill-On. Qorti tal-Appell, liema sentenza mhix in kontestazzjoni llum.

F'dik is-sentenza il-Qorti affermat illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti:

"*Illi fit-8 ta' Dicembru 1981 kien sar kuntratt ta' kompro vendita in atti Nutar Henry Saydon li permezz tieghu l-artijiet maghrufa bhala Ta' Zilfa u Ta' Beligna limiti tal-Fgura gew trasferiti b' titolu ta' enfitewsi perpetwa mis-socjeta' Paola Development Co. Ltd (PCDL) lis-socjeta' Terry Limited.*

*Fl-istess data u fl-istess okkazzjoni saret skrittura privata bejn l-istess partijiet, fejn l-imsemmija Paola Developments*

*Co. Ltd iddikjarat li kienet irceviet minghand Terry Limited is-somma ta' Lm7,500 bhala redenzjoni tac-cens.*

*Fuq dawn l-atti deher ghan-nom ta' Paola Developments l-attur u l-konvenut Victor Balzan. L-attur proprio, u is-socjeta' attrici Marks and Charles Ltd. kellhom bejniethom nofs l-azzjonijiet f' din is-socjeta', filwaqt li nofs l-azzjonijiet l-ohra kienu jappartjenu lil Victor u Emily konjugi Balzan. L-attur kien ukoll Direttur ta' Paola Developments.*

*Fuq l-istess atti, ghan-nom ta' Terry Limited deher il-konvenut Joseph Pace.*

*Illi sussegwentement b' kuntratt datat 27 ta' Settembru 1986 in atti Nutar Dottor Victor Bisazza l-attur u s-socjeta' tieghu Marks and Charles Ltd. bieghu l-azzjonijiet li kellhom fis-socjeta' Paola Developments lil Chevron Ltd. rapprezentata minn Norman Buckle u dana bil-prezz ta' Lm1,500.*

*Illi fl-20 ta' April 1989 l-attur proprio et nomine talab u ottjena l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenut Joseph Pace nomine, li permezz tieghu s-socjeta' Terry Limited giet inibita milli tittrasferixxi, tbiegh jew b' xi mod iehor tassenja lil terzi l-artijiet fuq indikati."*

Dawn il-fatti ma gewx ikkontestati mill-kontendenti f'dik il-kawza kif jirrizulta mill-imsemmija sentenza u ghal dawn il-motivi din il-Qorti wkoll taccettahom bhala pacifici bejn il-partijiet odjerni.

## Xhieda

Illi billi gew annessi l-atti kollha f'din il-kawza kemm quddiem l-ewwel Qorti u l-process fl-appell, kif ukoll quddiem it-tieni Qorti (s-sentenza lanjata) u l-process fl-appell, kull ma sar f'din il-kawza kien affidavit tar-rikorrent fejn xehed dwar il-fatti kollha tal-kaz mill-bidu sal-ahhar. Dan l-affidavit essenjalment jirripeti x-xhieda fil-proceduri civili.

## Konsiderazzjonijiet ta' Dritt

Illi din il-Qorti tibda biex tafferma li taqbel mal-Avukat Generali li mhuwiex il-kompitu taghha li tkun Qorti tal-Appell jew revizjoni dwar il-mertu tas-sentenzi moghtija u li l-kawza odjerna tirrigwarda l-aspetti kostituzzjonali u/jew konvenzjonali tad-drittijiet invokati. (Ara f'dan is-sens **J.E.M. Investments Limited v Avukat Generali**[5]). B'hekk ma jfissirx li t-talbiet odjerni huma fiergha u vessatorji. Jigi rammentat li fejn ikun hemm element ta' agir fieragh u jew vessatorju fi procedura gudizzjarja, dan normalment jixhed l-abbuz tal-process gudizzjarju li frankament mhix qed tigi riskontrata minn ezami tal-atti voluminuzi f'din il-kawza.

[5] Q.K. 30.9.2011 *"23. Illi kif tajjeb osservat il-Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali), u fuq dan jaqblu l-intimati u anke s-socjeta` rikorrenti, id-dritt ghas-smigh xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenzi fil-meritu izda jiggarantixxi biss l-aderenza ma' certi principji procedurali (indipendenza u imparzjalita` tal-Qorti u tal-gudikant, audi alteram partem u smigh u pronuncjament tas-sentenza fil-pubbliku) li huma konducenti ghall-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja. Il-funzjoni tal-Qorti, fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, m'hijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta' Qrati ohra biex tghid jekk dawn gewx decizi 'sewwa' jew le, izda hija limitata ghall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea."*

***Res Judicata*** **u l-principju ta' Certezza Legali Sanciti bl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea**

Illi **l-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea** jipprovdi illi:-

*"Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u tal-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b'ligi. ......."*

It-tezi tar-rikorrent hija wahda semplici u konfortata bil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea kif ukoll mill-interpretazzjoni dottrinali. Huwa essenzjalment jissottometti li d-dritt sancit bl-Artikolu 6(1) jiggarantixxi c-certezza tad-dritt kif imfissra fil-principju ta' *res judicata.*

Din it-tezi hija konformi mal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea. Kif gie ritenut mill-Grand Chamber tal-Qorti ta' Strasbourg fil-kawza **Brumarescu v. Romania** (1999 –VII ; 33 EHRR 862 para 61) :-

"*The right to a fair hearing before a tribunal ... must be interpreted in the light of the Preamble ... which declares ... the rule of law to be part of the common heritage of the Contracting States. One of the fundamental aspects of the rule of law is the principle of legal certainty which requires inter alia that where the courts have finally determined an issue their ruling should not be called into question ...*"

Fil-kaz **Qufaj Co. Sh. P.K. v Albania**[6] gie deciz mill-Qorti *tad-Drittijiet tal-Bniedem fi Strasbourg li "The Court reiterates that Article 6 § 1 secures to everyone the right to have any claim relating to his civil rights and obligations brought before a court or tribunal; in this way it embodies the "right to a court", of which the right of access, that is the right to institute proceedings before courts in civil matters, constitutes one aspect.* ***However, that right would be illusory if a Contracting State's domestic legal system allowed a final, binding Judicial decision to remain inoperative to the detriment of one party.*** *It would be inconceivable that Article 6 § 1 should describe in detail procedural guarantees afforded to litigants — proceedings that are fair, public and expeditious - without protecting the implementation of judicial decisions; to construe Article 6 as being concerned exclusively with access to a court and the conduct of proceedings would be likely to lead to situations incompatible with the principle of the rule of law which the Contracting States undertook to respect when they ratified the Convention.* ***Execution of a judgment given by any court must therefore be regarded as an integral part of the "trial" for the purposes of Article*** *6".*

Fi kliem l-awturi **Harris, O'Boyle & Warwick**[7] "*The right to a fair hearing also requires that the judgment by the final court that decides a case is 'res judicata' and hence irreversible in accordance with the principle of legal*

[6] 18 ta' Novembru 2004, (*Application no. 54268/00*)
[7] Law of the European Convention on Human Rights (£rd Ed) p 431

*certainty....A procedure for quashing a final judgment may however be consistent with the principle of legal certainty where it is 'made necessary by circumstances of a substantial and compelling character' which would include the need to correct a miscarriage of justice "*

Illi l-Qorti Kostituzzjonali taghna fil-kaz **Lawrence Cuschieri v On.Prim Ministru et** (Dec. fis-6 ta' April 1995) wkoll kellha l-okkazzjoni li tippronunzja ruhha fuq l-aspetti dottrinali tal-principju ta' *res judicata.* Il-kwistjoni f'din il-kawza kienet tirrigwarda l-aspett ta' *res judicata* kif applikata fid-dimensjoni kostituzzjonali ghas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali. Madanakollu l-Qorti elaborat fuq it-tifsira tal-principju ta' *res judicata* u n-ness intimu mal-principju tar-*rule of law,* liema pronunzjament huwa ta' rilevanza u ta' gwida wkoll fil-kaz odjern. Il-Qorti f'dik il-kawza irribadiet: "*Una volta giet ippronunzjata s-sentenza mill-Qorti Kostituzzjonali, irid jigi sewwa apprezzat x'inhuma l-effetti taghha.....Tikkostitwixxi res judicata kemm <u>fis-sens formali</u> tat-terminu in kwantu proceduralment tfisser finalita' li ma tippermetti l-ebda forma ta' appell minnha; kif ukoll fis-sens <u>sostanzjali</u> in kwantu ghandha forza awtorevoli u obbligatorja fuq il-partijiet meta tiddetermina l-mertu; (*enfasi ta' dik il-Qorti).

*'.....inherent in the institution of ' res judicata' is a preclusive effect in the sense that the parties to the case...bound by the res judicata effects of the first decision are barred to bring about a Court decision contradicting the conclusive content of the first decision.'*

*'The institution of res judicata may be elaborated by laws on Constitutional Courts while in any such laws, it appears to be simply presupposed and taken for granted. Even where it is not expressly mentioned in laws on Constitutional Courts, it can be derived as a principle of the rule of law, of the etat de' droit, the stato di diritto, the rechsstast. The Rule of Law aims at legal peace and legal security in regard of controversies. This is exactly the aim of the institution of res judicata too. It accordingly is of constitutional dimension and valid in procedures of Constitutional Court and with regard to the effects of their decisions. (Decisions of the Constitutional Courts and their Effects- Report of Prof. Helmut Steinberger - as reported in the Proceedings of a Seminar of the European Commission for Democracy through Law on the Theme the Role of the Constitutional Court in the Consolidation of the Rule of Law)".*

Illi inoltre,l-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Matthew Lanzon v Kummissarju tal-Pulizija**[8] irriteniet li :-

"*L-argument huwa ghal kollox fieragh. Ir-'res judicata' ghandha bhala fondament taghha l-interess pubbliku u hija intiza biex thares ic-certezza tal-jeddijiet li gew definiti bis-sentenza, anke jekk dawk il-jeddijiet huma fondamentali tal-bniedem. Res judicata ttemm il-possibilita` li kwistjonijiet jibqghu miftuha, meta jkunu ghaddew minn procediment*

[8] Dec. fil-25 ta' Frar 2013

*gudizzjarju li sar definittiv. Bdil fil-gurisprudenza ma jikkwalifikax bhala bdil ta' cirkostanzi ladarba t-tliet elementi baqghu l-istess."*

Illi l-Qorti Kostituzzjonali f'dan il-kaz, kienet giet mitluba tapplika retroattivament principji li zviluppaw fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea ghall-kaz li gja gie deciz definittivament. Madanakollu l-principji enuncjati japplikaw ghall-kaz odjern.

Ikkonsidrat li l-principju ta' *res judicata* huwa fondamentali u ta' interess pubbliku fl-ordinament guridiku taghna fejn il-Qrati ordinarji f'diversi okkazzjonijiet fissru l-portata ta' dan il-principju rinfaccjati bl-*exceptio rei judicatae.* Tajjeb li ssir riferenza ghall-insenjamenti moghtija mill-Qrati ordinarji billi dawn jirrinforzaw dan il-principju bhala wiehed mis-sisien ta' ordinament guridiku mibni fuq is-saltna tad-dritt.

Hekk fis-sentenza taghha tal-5 ta` Novembru 1934 fil-kawza **"Francesco Aquilina vs Neg. Giuseppe Gasan et"**, il-Qorti tal-Appell (Sede Kummercjali) qalet hekk :-

*"L-'exceptio rei judicatae' ghandha bhala fundament il-fatt tal-interess pubbliku, u wkoll ghaliex 'interest rei publicae ut sit finis litium'. Sentenza li ghaddiet 'in giudicato', jigifieri li ma tista' tappella minnha izjed, hija mizmuma bhala tajba u sewwa u tal-haqq - 'res judicata pro veritate habetur' - jigifieri l-fundament tal-'actio' u tal-'exceptio judicati' hija preskrizzjoni legali, u ghalhekk hija 'strictissimae interpretationis'."*

Illi, kif ingħad f'għadd ta' deċiżjonijiet, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha bħala sisien tagħha l-interess pubbliku u hija maħsuba biex tħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew definiti f'sentenza, li tbiegħed il-possibilita' ta' deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilita' ta' kwestjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun ingħatat.

Illi ta' rilevanza ghall-kaz in disamina gie wkoll ghadd ta' drabi mfisser li l-gudikat isir japplika mhux biss dwar dak li jkun gie espressament dibattut fil-kawza li s-sentenza taghha titqieghed bhala l-bazi tal-eccezzjoni tal-gudikat, imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta' gie diskuss u ma jkunx gie diskuss mill-parti li kellha interess li tiddiskutih. Il-bidla jew differenza fil-mottivi tal-*causa petendi* fit-tieni procediment ma jgibx fix-xejn il-gudikat.[9]

Hekk fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Bonello vs. Edgar Cuschieri noe**. (Vol. XXXIV, P. I, p. 74)[10] b'riferenza ghall-Qorti ta' l-Appell ta' Firenze tat-tletin (30) ta' Lulju, 1907 gie ribadit li *: "il giudicato si forma non solo in ordine a ciò che fu espressamente discusso, ma ancora a quanto avrebbe dovuto discutersi e non discusso dalla parte che doveva discutere la propria istanza ed eccezzione."*

[9] Ara P.A. FGC **4.6.1999** fil-kawza fl-ismijiet ***Cole Foods Limited vs Accent Clear Traders Company Limited*** (mhix pubblikata) u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija, ccitata b'approvazzjoni minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz fl-ismijiet **Charles Cortis v Francis X. Aquilina et.** - P.A. JRM - 25.9.20013
[10] Citata b'approvazzjoni mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Crocefissa Sammut et v Joseph Spiteri** - dec. fl-1 ta' Ottubru 2003.

Kif gie ritenut u spjegat fis-sentenza tad-9 ta’ Ottubru 1951 in re **Michele Sammut vs James Bonnici** (Q.Kumm) “*il-gudikat jassorbixxi kull eccezzjoni li, in mertu ghall-azzjoni kien imissha jew setghet tigi sollevata in relazzjoni ma l-azzjoni stess. U meta hemm il-gudikat mhumiex ammissibbli eccezzjonijiet godda li jkollhom bhala effett li jiddistruggu jew jirrestringu l-effett tal-gudikat.”* (Vol XXXV p. 649)

Ukoll fil-kawza **Antonio Abela vs Giuseppe Fenech** deciza fit-28.02.46 (Vol. XXXII.II p. 243) insibu hekk: *“Kontra l-gudikat ma jistghux jingiebu deduzzjonijiet li jmisshom ingiebu, u setghu jingiebu, fil-kawza irrevokabilment definta.”*

*Finalment, jinsab ritenut li “Ma jistax ikun lecitu li lill-appellant li jerga’ jipproponi l-istess domanda biex jinnewtralizza l-imsemmija decizjoni precedenti billi jgib ‘il quddiem ragunijiet jew provi li kien jaf bihom, u li seta’ u messu jgib fil-kors tal-process l-iehor. Jekk ma ghamilx hekk imputet sibi; u s-sentenza precedenti ma tistax tigi injorata u mqieghda fil-genb ghar-ragunijiet pre-ezistenti ghall-prolazzjoni taghha”.*[11]

Illi dawn l-insenjamenti gew abbraccjati mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **John Camilleri v Avukat Generali** deciz fil-25 ta' Jannar 2013.

[11] Ara **App. Carmelo Camilleri v. Spiru D’ Amato** deciz 2/3/1956 Vol.XLA.I.65.

Illi fid-dawl tal-premess din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li t-talba tar-rikorrent tista' tigi inkwadrata fil-parametri tal-**artikoli 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.**

**Applikazzjoni tal-Principji Enuncjati ghall-Kaz odjern.**

**Illi ma hemm l-ebda kontestazzjoni li s-sentenza tat-18 ta' Gunju 2004 kif ikkonfermata fl-appell (l-Ewwel Sentenza) ghaddiet in gudikat. Ghaldaqstant dak stabbilit fid-disposittiv tas-sentenza ghandu jitqies finali u irriversibbli u dak li hu inkonsistenti mad-dispozittiv fit-tieni sentenza, ghandu jigi skartat bhala abbuziv u illegali.**

Applikati dawn il-principji, l-Qorti trid tiddetermina jekk it-Tieni sentenza tal-25 ta' Marzu 2010 kif ikkonfermata mill - On. Qorti ta' l-Appell ivvjolat, kif qed jallega ir-rikorrent odjern, il-principju ta' *res judicata* billi regghet fethet ghad-diskussjoni u ghad-decizjoni kwistjonijiet li kienu definitivament decizi bis-sentenza tat-18 ta' Gunju 2004.

**Siltiet rilevanti mis-sentenza tat-18 ta' Gunju 2004.**

Illi il-pern tal-kawza odjerna hija li l-principju ta' *res judicata* giet smantellata bis-sentenzi li kellhom jindirizzaw biss it-talbiet koncernanti l-likwidazzjoni tad-danni u l-kundanna hlas kontra Joseph Pace. Ghalhekk huwa opportun u anke

vitali li din il-Qorti tifhem id-*decide*, u r-*ratio decidendi* li wasslu ghal dik l-ewwel sentenza fuq il-mertu.[12]

**Nota ta' Ammissjoni ta' Joseph Pace ghan-nom ta' Terry Limited.**

Huwa rilevanti f'dan l-istadju li jigi senjalat li f'dik il-kawza Joseph Pace irregistra nota ta' ammissjoni b'nota fis-17 ta' Ottubru 2003 . Dan ifisser li effettivament abbanduna u rrinunzja ghall-eccezzjonijiet tieghu <u>ghajr ghal dik dar il-kap tal-ispejjez.</u> Inoltre ammetta l-fatti allegati mill-attur u li dawn il-fatti - l-*eventus damni*- saru ghad-dannu tal-istess attur *proprio et nomine* u a beneficju ta' Terry Limited. Huwa accetta wkoll li d-danni sofferti mill-attur Joseph Borg jammontaw ghas-somma ta' Lm460,000, illum €1,071,512. Jigi rilevat li ma hemmx appell minn sentenzi moghtija fuq ammissjonijiet[13] billi l-ammissjoni taghlaq il-vertenza fit-termini tat-talbiet ammessi.

Ikkunsidrat li dwar din l-ammissjoni l-Qorti fl-ewwel sentenza, ikkonkludiet hekk:

*"Din il-Qorti wara li ezaminat l-inkartament u l-provi migjuba hi tal-fehma li l-ammissjoni da parti tal-konvenut Joseph Pace, <u>li fiha nnifisa hi prova kardinali</u>, hija wkoll <u>sostnuta mill-fatti.</u>"* (sottolinear ta' l-ewwel Qorti) .... *Ix-xhieda tieghu tikkonferma l-verzjoni attrici u cioe' li l-kunsens moghti mill-*

[12] Jigi precizat li qabel din is-sentenza tat-18 ta' Gunju 2004 kienet inghatat sentenza preliminari *in parte* fis-16 ta' Ottubru 1996 fuq il-kwistjoni procedurali tal-interess guridiku tal-attur li mhumiex rilevanti ghall-indagni odjerna. Din l-ewwel sentenza ma kenitx appellata.
[13] Art. 228(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

*attur, dak iz-zmien ghan-nom ta' Paola Developments, ghall-iffirmar tal-kuntratti u skrittura precitati kien vizzjat principalment minhabba li kien affett minn theddid serju u reali. Kien 'kunsens' karpit bi vjolenza u bil-biza, u dan fih innifsu jikkostitwixxi delitt li mill-aspett civili. B' dan il-komportament illegali u abbuziv ezercitat fuq l-attur Joseph Borg, is-socjeta' Terry Limited akkwistat b' mod frawdolenti awment sostanzjali fil-patrimonju taghha, ghad-dannu ta' Paola Developments Limited li f' dak iz-zmien l-attur proprio et nomine kien Direttur u kien proprjetarju ta' nofs l-azzjonijiet."*

Il-Qorti, wara li ezaminat dawn il-fatti u provi kkonkludiet hekk:

*"Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar l-ewwel u it-tieni talba attrici billi, tilqa' dawn it-talbiet fis-sens li:*

*Tiddikjara li l-attur proprio et nomine kien gie sfurzat u kostrett bl-uzu ta' vjolenza li jaghti l-kunsens tieghu ghat-trasferiment tal-artijiet indikati fic-citazzjoni ghal fuq Terry Limited, u li sar b' kuntratt datat 8 ta' Dicembru 1981 fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon, kif ukoll ghall-iskrittura privata maghmula fl-istess data rigwardanti redenzjoni ta' cens; u li*

*Rizultat ta' dan, l-attur proprio et nomine sofra danni kif fuq indikat, ghal-liema danni ghandha tirrispondi s-socjeta' Terry Limited; u*

*Tichad dawn it-talbiet fil-konfront tas-socjeta' Paola Developments Co. Ltd."*

Din is-sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tas-6 ta' April 2006. Il-Qorti tal-Appell ikkonsidrat li:

*"L-ewwel Qorti ddecidiet illi l-azzjoni ta' l-attur kienet tinkwadra ruhha fl-istitut tad-delitti u kwazi-delitti. Il-Qorti ghamlet riferiment ghall-**Artikolu 1031 tal-Kodici Civili** fejn il-legislatur jipprovdi li "kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu."* ***L-Artikolu 1033*** *imbaghad jipprovdi li "Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk."*

*Il-Qorti ddecidiet li t-trasferiment tal-proprjeta` minn fuq Paola Development Co. Limited ghal Terry Limited kien rizultat u kawza ta' azzjonijiet delittwuzi ezercitati fuq l-attur, bil-konsegwenza li l-attur pro et noe, li kien azzjonista fis-socjeta` Paola Development Company Limited, sofra diminuzzjoni fil-valur ta' l-ishma tieghu. Il-Qorti kompliet tghid li Terry Limited kienet partecipi f'din it-transazzjoni illegali u gwadanjat b'mod abbuziv awment sostanzjali fil-partrimonju taghha. B'hekk hija kkonkludiet illi s-socjeta` kellha taghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-attur."*

Illi fid-dawl tal-premess ma hemmx dubbju li l-kapitolu dwar l-ewwel zewg talbiet tal-attur inghalaq. Dawn kienu precizament:

*1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-kuntratt ta' trasferiment tat-8 ta' Dicembru 1981 fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon u l-iskrittura privata tal-istess data redatta minn Nutar Joseph Henry Saydon saru b'vizzju tal-kunsens ta' Paola Development Co. Ltd. u tal-attur meta kien direttur tal-istess socjeta' u l-ebda hlas ma qatt sar;*

*2. tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut Joseph Pace nomine hu responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur proprio et nomine kif fuq inghad;*

Illi din il-Qorti hi tal-fehma li nghalaq ukoll il-kapitolu fuq il-validita' u l-effett tal-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta. Meta wiehed jikkonsidra li kull sentenza hija l-espressjoni tal-konvinzjoni tal-gudikant, din il-konkluzjoni hija *multo magis* indiskuttibbli. Il-Qorti fl-ewwel sentenza, accettat in-nota ta' ammissjoni bhala prova kardinali ghalkemm ma qaghditx fuq din in-nota wahidha biex iddeterminat it-talbiet imsemmija.

**Sentenza tas-17 ta' Gunju 2010 (PA (RCP)) (It-Tieni Sentenza).**

Illi fit-tieni sentenza l-Qorti kif diversament presjeduta, ghaddiet biex cahdet it-tlett talbiet rimanenti ghal-likwidazzjoni u kundanna hlas tad-danni u ghaz-zamma tal-mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenut "*stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi*" u laqghet il-kontro-talba ta' Terry Limited sabiex b'hekk

rrevokat il-mandat ta' inibizzjoni li kienet giet intavolata mill-attur *pro et nomine* rigwardanti l-bejgh tal-*plots* li kienu gew trasferiti u li kienu l-oggett tas-saga kollha f'dawn il-proceduri.

Illi minn qari ta' dik is-sentenza, din il-Qorti tista' tislet is-segwenti konsiderazzjonijiet principali li jincidu fuq il-mertu tal-proceduri odjerni:

i) ***Causa illecita*****:** Il-Qorti sabet li minn ezami tas-sentenzi precedenti fil-kawza, u mill-atti, li d-dannu soffert mill-attur *proprio et nomine* kien jikkonsisti fl-izvalutar tal-ishma li huwa kellu fis-socjeta` Paola Developments Company Limited (PDCL), zvalutar illi sehh b'konsegwenza tat-trasferiment illi kien sar permezz tal-kuntratt tat-8 ta' Dicembru 1981. Dwar il-*quantum* tad-danni sabet li l-attur *proprio et nomine* ma ressaqx provi konkreti u l-Qorti ghaldqstant ikkonsidrat li lanqas setghet tillikwida ammont *arbitrio boni viri.* Hawnhekk ukoll il-Qorti ghamlet diversi kostatazzjonijiet, fosthom li l-art kellha tigi stmata bhala art agrikola billi "*ma tistax ma tikkunsidrax illi din l-art illum hija mghotija bil-permessi ghall-izvilupp proprju b'rizultat ta' atti ta' korruzzjoni li l-atturi qed jibbazaw il-kawza taghhom fuqhom. <u>Ghalhekk l-atturi ma jistghux f'nifs wiehed isostnu talba ghad-danni u jivvalutaw l-art bhala wahda fabbrikabbli meta huma stess jammettu li l-permessi fuq l-istess art inghataw b'rizultat ta' atti ta' korruzzjoni</u>. Kien proprju biss b'rizultat ta' dan illi l-valur tal-art mertu tal-kawza zdied sostanzjalment u ghalhekk ma jistghux l-<u>atturi jisfruttaw att illegali ghall-iskopijiet u ghall-beneficcju personali taghhom</u>*

*u sabiex jigu rizarciti ghal dak illi gie akkwistat improprjament*."(sottolinear ta' din il-Qorti).

2) **L-Ammissjoni ta' Terry Limited**[14]: Il-Qorti irriferiet ghall-eccezzjoni sollevata minn Terry Limited fejn ghamlet riferenza ghall-skrittura ta' transazzjoni datat 17 ta' Gunju 1985 bejn l-attur personalment kif ukoll f'isem numru ta' kumpaniji fosthom is-socjeta` attrici Marks and Charles Limited, Pio Camilleri personalment u kemm in rapprezentanza ta' numru ta' kumpaniji ohra u Victor Balzan ukoll personalment kif ukoll in rapprezentanza ta' numru ta' kumpaniji ohra fosthom PDCL (Dok. "G" a fol. 101 *et sequitur* tal-atti tal-kawza). Kien gie sottomess minn wahda mis-socjetajiet intervenuti fil-kawza, Vica Limited, li din it-transazzjoni kienet topera wkoll a beneficcju tas-socjeta' Terry Limited minkejja li ma kenitx wahda mill-kontraenti fit-transazzjoni. Il-Qorti qablet ma' din is-sottomissjoni u qieset li "*t-termini tal-iskrittura ta' transazzjoni imsemmija hija ben cara fis-sens li l-atturi cedew u rrinunzjaw ghal kull pretensjoni li kellhom fuq il-kuntratt tat-8 ta' Dicembru 1981 kemm mal-kontraenti u kemm mat-terz..."* (Terry Limited).

Izda dwar l-ammissjoni li Terry Limited irregistrat permezz ta' nota datat s-17 ta' Ottubru 2003, il-Qorti fissret hekk:

*"Illi fid-dawl ta' dan, din il-Qorti ma tistax tikkonsidra li l-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta Terry Limited permezz ta' nota datata 17 ta' Ottubru 2003, u cjoe' wara 14-il sena*

---

[14] A fol 342-343 tal-process

*meta saret l-istess nota ta' eccezzjonijiet, tista' b'xi mod twaqqa' dak li l-istess socjeta' konvenuta ghamlet f'din il-kawza u permezz ta' att gudizzjarju hekk serju bhal nota ta' eccezzjonijiet, u dan ghaliex jekk huwa principju stabbilit li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in buona fede, hekk ukoll il-proceduri gudizzjarji, u l-atti relattivi ghandhom ikunu pprezentati minimament bl-animo ta' buona fede, u mhux sabiex jabbuzaw mill-proceduri gudizzjarji. Dan iktar u iktar meta jirrizulta li llum, kif ammess fl-ittra tal-attur datata 18 ta' Novembru 2005 (Dok. "X" – fol. 543)*[15] *bejn l-atturi u s-socjeta' konvenuta Terry Limited hemm ftehim bonarju, li ma giex muri lil din il-Qorti, u jirrizulta li b'effett tal-posizzjoni li hadu l-atturi u s-socjeta' konvenuta llum, jigu pregudikati diversi drittijiet ta' terzi, fosthom dawk naxxenti minn diversi sentenzi ta' dawn il-Qrati mhux l-inqas dik fl-ismijiet "Vica Limited vs Terry Limited" moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-8 ta' Frar 1998 (fejn is-socjeta' Terry Limited baqghet kontumaci), u fis-sentenzi fl-ismijiet "HSBC Bank plc vs STG Limited et" (P.A. (GCD) – 5 ta' Dicembru 2003 – Citaz. Nru. 2572/97/GCD u Citaz. Nru. 2455/97/GCD). Dan qed jinghad ukoll fil-kuntest tal-atti maghmula permezz ta' qerq u ngann, fejn l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tas-6 ta' April 2006 sostniet li "l-ligi ma taghti ebda kenn lil min jopera permezz ta' qerq u ingann", u l-Qorti thoss, wara li rat l-atti kollha tal-kawza b'mod mill-iktar dettaljat, kif jindikaw ukoll il-premessi kollha kontenuti f'din is-sentenza, anke qabel ma hija tat il-konsiderazzjonijiet taghha, li tali att ta' ammissjoni*

---

[15] Dwar dan d-dokument li ghalih taghmel riferenza l-Qorti hija ittra minn Joe Borg lil PDCL datata it-18 ta' Novembru 2005 ta' transazzjoni. Hu infurmaha li lahaq ftehim bonarju ma' Joseph Pace. Effettivament din l-ittra saret wara n-nota ta' ammissjoni.

*fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u mhux l-inqas fid-dawl tal-komportament ta' Joseph Pace f'din il-kawza, u f'kawzi ohra, u fl-atti kollha li huwa kien involut fihom inkluz rigwardanti l-istess art, iwasslu lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi li dan kien att abbuziv u abbuz serju tal-procedura quddiem din il-Qorti. L-istess japplika dwar sehem l-atturi fejn jidher li hemm kolluzjoni mas-socjeta' konvenuta f'din il-kawza u dan qed jinghad rigwardanti l-ftehim bonarju li jidher li l-atturi ammettew li ghandhom mas-socjeta' konvenuta, li wassal sabiex ikun hemm ammissjoni tas-socjeta' konvenuta f'din il-kawza, wara li tali kawza tant kienet kombattuta ghal diversi snin. Din l-istess konsiderazzjoni tapplika dwar l-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta, tapplika in kwantu din tirreferi ghat-talbiet ta' likwidazzjonijiet ta' danni, u ghalhekk din il-Qorti ma qaghditx fuqha u ddecidiet bil-mod hawn ikkunsidrat."* (enfasi ta' din il-Qorti.)

Il-Qorti inoltre irriteniet li :

*"l-ammissjoni tas-socjeta' Terry Limited hija frott tal-kolluzjoni li tezisti bejnha u bejn l-atturi odjerni u in partikolari Joseph Borg, u dan huwa abbuz kbir u serju tal-proceduri gudizzjarji, minhabba li dan huwa att frawdolenti fil-konfront tal-kredituri tas-socjeta' Terry Limited. Din il-Qorti thoss li huwa sintomatiku l-kliem tal-Onorabbli Qorti tal-Appell "li ligi ma taghti ebda kenn lil min jopera permezz ta' qerq u ingann" (sentenza datata 6 ta' April 2006) u din il-Qorti taqbel perfettament mal-istess u ghalhekk waslet ghall-kunsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet hawn indikati f'din*

*is-sentenza li jwassluha sabiex tichad it-tielet u r-raba' talba attrici."*

**Osservazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Illi rinfaccjata bil-provi u atti esebiti, din il-Qorti fl-ewwel lok bilfors trid tinkwadra dak li sehh fil-konfront ta' Joseph Borg *proprio et nomine* fil-kuntest ta' korruzzjoni sistemika fejn cittadin privat kellu ihallas bil-qares ghal dak li kellu dritt ghalih. Din il-Qorti ma tistax ma taccettax l-ewwel sentenza bhala l-*punto di partenza* fejn il-Qorti sabet li Joseph Borg kien gie mhedded u kostrett biex jaccetta t-trasferiment ta' 23 *plot* ta' artijiet appartenenti lil PCDL, kumpanija li fiha kellu ishma personalment u tramite l-Kumpanija Marks and Charles Limited, lil Piju Camilleri, - il-paraventu ta' l-ex Ministru Lorry Sant. Hekk hija l-istorja - *sic et simpliciter.* Meta wasal ghall-kuntratt, sab lil Joseph Pace ta' Terry Limited quddiemu u fuq istruzzjonijiet ta' Piju Camilleri, n-Nutar hassar ismu mill-kuntratt u dahhal lill-Terry Limited. Dan jirrizulta mill-kopja tal-kuntratt esebit. Mela anke Joseph Pace kien kompartecipi fl-att ta' korruzzjoni - certament Joseph Borg ma kellux l-ghazla hlief li jaccetta minhabba t-theddid li sar fuqu. Ghaldaqstant ma hemm l-ebda diskussjoni dwar il-posizzjoni tieghu ta' vittma ta' korruzzjoni endemika u ta' vjolenza subita.

**Dan premess huwa palesi li sentenzi li ghaddew in gudikat ghandhom jitqiesu li jiswew u li nghataw *rite et recte* sakemm ma jintweriex mod iehor. Ghaldaqstant dak li gie kkonstatat u affermat mill-Qorti fis-sentenza**

**taghha tat-18 ta' Gunju 2004, kif ikkonfermata mill-On. Qorti tal-Appell jiswa' u huwa finali.**

Illi huwa minnu li fil-proceduri civili fit-tieni fazi taghhom, intervjenew terzi , principalment l-HSBC Bank Malta plc u Vica Limited u jidher wkoll li l-Imhallef sedenti fit-tieni sentenza addotta kwazi *verbatim* is-sottomissjonijiet ta' dawn l-intervenuti fil-kawza partikolarment ghal dak li kien jirrigwarda l-konkluzjonijiet dwar kolluzjoni bejn Joseph Borg u Joseph Pace u l-*quantum* tad-danni u l-mankanza tal-prova dwar l-istess. Inoltre saret referenza ghas-sentenza fil-proceduri tal-istralc introdotti minn Vica Limited kontra Terry Limited fejn kien hemm espress il-hsieb li n-nota ta' ammissjoni saret b'kolluzzjoni bejn Joseph Borg, *qua* kreditur ta' Terry Limited mal-istess Joseph Pace meta is-socjeta' Terry Limited kienet fi stat ta' insolvenza.

Illi izda dan kollu, fil-fehma tal-Qorti ghandu jitqies irritwali u illegali jekk dawn il-konkluzjonijiet ikunu qabzu il-linja demarkanti bejn dak li ghadda in gudikat u dak li kien ghadu dibatibbli.

Jirrizulta minn qari tal-ewwel sentenza tat-18 a' Gunju 2004 li l-Qorti kienet ikkonkludiet u ddecidiet :

1. Li gie ppruvat li l-attur odjern kien sofra theddid u vjolenza mete gie kostrett li jassenja 23 *plot* fl-artijiet imsemmija lill-Joseph Borg ghan-nom ta' Terry Limited bil-kuntratt tat-8 ta' Dicembru 1981;

2. li wasslet ghal din il-konkuzjoni billi accettat l-ammissjoni ta' Joseph Pace, li rriferiet ghall-isess bhala *prova kardinali*, imma mhux biss, affermat li l-ammissjoni kienet biss wahda mill-provi in sostenn tat-talbiet ta' Joseph Borg fil-kawza;

3. Ikkonkludiet li b'rizultat ta' dan, li l-attur *proprio et nomine* sofra danni kif fuq indikat, ghal-liema danni ghandha tirrispondi s-socjeta' Terry Limited.

Dan premess isegwi wkoll li fis-sentenza tat-18 ta' Gunju 2004, il-Qorti kkonfermat u ddelinejat ir-relazzjoni guridika bejn Joseph Borg *proprio et nomine* u Terry Limited, in kwantu li Terry Limited giet dikjarata direttament responsabbli ghad-danni subiti mill-attur *pro et noe*.

Illi bhala konsegwenza, din il-Qorti tifhem li dan in-ness guridiku kellu jifforma proprju l-bazi tas-sentenza finali anke fuq it-talbiet rimanenti u ma kellux jerga' jinfetah ghad-diskussjoni. Joseph Borg kien vittma ta' qafas ta' korruzzjoni li b'rizultat tal-istess Joseph Pace ta' Terry Limied ghamel gwadann konsistenti f'23 *plot* li taghhom ma hallas xejn. Fil-verita' dawn gew misruqa fuq l-istigazzjoni ta' Piju Camilleri u bil-komplicita' ta' Terry Limited kontra l-volonta' ta' Joseph Borg bhala azzjonist ta' nofs l-ishma fis-socjeta` PCDL . Kien ghalhekk li l-Qorti fl-ewwel sentenza inkwadrat il-fatti fil-kuntest tal-istitut ta' delitt.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, dawn il-konkluzjonijiet kienu finali u konklusivi u ma misshomx, u ma setghux jergghu jigu

diskussi mill-Qorti kif sussegwentement presjeduta anke ghall-fini tat-tlett talbiet rimanenti.

**Illi ghalhekk taqbel mar-rikorrent meta jghid li s-sentenza tikkozza ma' sentenza precedenti li ghaddiet in gudikat u dan abbazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet.**

Fl-ewwel lok, fejn il-Qorti ikkonkludiet ghall-fini tal-valutazzjoni tal-proprjeta':

*"Ghalhekk l-atturi ma jistghux f'nifs wiehed isostnu talba ghad-danni u jivvalutaw l-art bhala wahda fabbrikabbli meta huma stess jammettu li l-permessi fuq l-istess art inghataw b'rizultat ta' atti ta' korruzzjoni. Kien proprju biss b'rizultat ta' dan illi l-valur tal-art mertu tal-kawza zdied sostanzjalment u ghalhekk ma jistghux l-atturi jisfruttaw att illegali ghall-iskopijiet u ghall-beneficcju personali taghhom u sabiex jigu rizarciti ghal dak illi gie akkwistat improprjament."*

L-attur kien meqjus il-vittma ta' theddid u vjolenza. Mix-xhieda tieghu moghtija anke f'dawn l-atti stess, jirrizulta li t-theddid li issubbixxa, censurabbli f'kwalsiasi cirkostanza, kienet ferm aktar aggravata billi sehhet <u>fil-qafas ta' korruzzjoni sistemika</u> operata minn persuna li kien il-paraventu ta' xejn inqas minn Ministru tal-Istat Malti - id-defunt ex-Ministru Lorry Sant - fuq cittadini u negozjanti privati. Kien ikun altru li kieku kien l-attur l-istigatur tal-

korruzzjoni, izda xejn minn dan ma jirrizulta u difatti l-Qorti rrikonoxxiet li kien il-vittma f'dawn ic-cirkostanzi.

Gjaladarba kien meqjus li huwa vittma ta' theddid u vjolenza ma seta' qatt jitqies li hu kien partecipi f'xi illegalita' fil-hrug tal-permessi. Ghaldaqstant il-konsiderazzjoni maghmula mill-Qorti fuq citata hija skorretta u ingusta. *Multo magis* billi jirrizulta car li kollox sar, kif premess, f'qafas ta' korruzzjoni sistemika. B'dan ma jsirx partecipi fil-korruzzjoni u m'ghandu ibaghti l-ebda sanzjoni.

Gjaladarba l-attur kien hu stess vittma ta' korruzzjoni, isegwi li m'ghandux jigi sanzjonat proprju ghaliex kellu tabilfors jisvesti ruhu minn diversi *plots* sabiex ikun jista' jizviluppa l-bqija tal-proprjeta' tieghu. Ma hemm xejn fl-atti li juri li ma setax legittimament jottjeni l-permessi ghall-izvilupp tal-artijiet tal-PCDL u lanqas jisa' jigi suggerit hekk *stante* li fl-ewwel sentenza, il-Qorti kif ippresjeduta mill-On.Imhallef Noel Cuschieri ikkonkludiet minghajr l-ebda kwalifika li l-attur kien issubixxa l-vjolenza u theddid u li l-kunsens tieghu ghat-trasferiment kien hekk vizzjat.

Fit-tieni lok, hija skorretta u illegali l-konkluzjoni tal-Qorti dwar l-ammissjoni ta' Joseph Borg. Din saret b'nota tas-17 ta' Ottubru 2003 u l-ewwel Qorti hadet konjizzjoni taghha u accettat l-istess bhala prova kardinali. L-istess sehh quddiem il-Qorti ta' l-Appell fuq l-appell istitwit mill-amministratur ta' Terry Limited u mill-HSBC Bank Malta

plc, liema appelli gew michuda[16]. Inghad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tas-6 ta' April 2006:

*"Ikun utli li jigi hawn rilevat li l-ewwel Qorti qaghdet attenta illi taghmilha cara li hija ma kenitx strahet biss fuq il-fatt li f'certu stadju tal-kawza l-konvenut Joseph Pace nomine pprezenta nota ta' ammissjoni, imma ghamlitha wkoll cara li l-ammissjoni tal-konvenut Joseph Pace pro et nomine "hija wkoll sostnuta mill-fatti" u sa anke hasset il-htiega li tissottolineja dan biex taghtiha aktar enfasi."*

Gjaladarba l-Qorti fis-sentenza in gudikat, ippronunzjat ruhha dwar l-ammissjoni, it-tieni Qorti kellha tieqaf hemm. Kif gja premess, gie konkluz li l-attur *pro et nomine* kien il-kreditur ta' Joseph Pace *nomine* ghad-danni *da liquidarsi*. **L-investigazzjoni tal-Qorti kellha tkun limitata ghal-likwidazzjoni tal-*quantum* tad-danni u kull pronunzjament iehor kien illecitu in kwantu kien jimpingi fuq dak gja deciz.**

Fl-istess binarju, gjaladarba l-Qorti fl-ewwel sentenza accettat r-responsabbilita' ta' Terry Limited, il-Qorti fit-tieni sentenza ma setghet qatt tezonera lill-Terry Limited u tapplika fl-interess ta' din is-socjeta' t-termini tat-transazzjoni li sehhet bejn l-attur u kontraenti ohra.

[16] Il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet li ma kellhomx interess guridiku f'dawn il-proceduri. Madanakollu huma sussegwentement intervjenew fil-proceduri meta dawn gew rimandati ghas-sentenza fuq ir-rimanenti tlett talbiet u l-Qorti tal-Appell mit-tieni sentenza ikkonludiet li kellhom interess biex jintervjenu *in statu et terminis.*

Minn dan kollu isegwi, fil-fehma tal-Qorti li l-Qorti fit-tieni sentenza kkozzat mal-ewwel sentenza fejn:

1. Sabet lill-attur komplici f'xi korruzzoni dwar il-hrug tal-permessi fuq l-artijiet;
2. Sabitu hati ta' kolluzjoni ma' Joseph Pace ghall-fini tan-nota ta' ammissjoni tieghu;
3. Skartat l-istess ammissjoni ta' Joseph Pace;
4. Abbraccjat it-tielet eccezzjoni ta' Joseph Pace li ghamlet riferenza ghat-transazzjoni bejn l-attur u terzi minkejja li gjaladarba ammetta r-responsabbilita' ma setax ikollu interess izjed fl-eccezzjonijiet li kien issolleva fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu;
5. Skartat il-kontenut tal-ammissjoni in kwantu Joseph Pace Illikwida l-valur tal-*plots* in mertu ghall-fini tat-talba ghad-danni biex b'hekk it-talba attrici kellha tigi ammessa almenu sal-ammont indikat fin-nota ta' ammissjoni bhala rikonoxximent ta' debitu mid-debitur (Terry Limited).
6. Cahdet b'hekk it-talbiet rimanenti u rrevokat il-mandat ta' inibizzjoni.

Illi dwar il-prova tal-*quantum* tad-danni, gjaladarba n-nota ta' ammissjoni kienet accettata anke fid-*decide* tal-ewwel sentenza, almenu l-valutazzjoni imressqa tad-danni permezz tan-nota ta' ammissjoni fil-valur ta' Lm460,000, illum €1,071,512 kellha titqies bhala l-*quantum tad-danni.*

Illi meta l-Qorti fit-tieni sentenza skartat din in-nota kien hemm *domino effect* fuq il-pretensjonijiet tal-attur *pro et nomine* li kien qed jitlob r-risarciment skont il-valutazzjoni

tal-*plots* fiz-zmien l-aktar qrib tas-sentenza. Il-Qorti fit-tieni sentenza izda skartat dawn l-argumenti billi kkonsidrat :

1. Li Joseph Borg ma setghax jottjeni xi gwadann mill-hrug ta' permessi fuq l-art billi dawn inhargu b'korruzzjoni;
2. Konsegwentement ma setax jitlob risarciment abbazi ta' stima tal-*plots* bhala art fabbrikabbli imma semmai bhala art agrikola;
3. Li ma ressaqx provi dwar il-valur tal-*plots* bhala art agrikola;
4. Li f'kull kaz il-vertenza giet transatta anke a beneficcju ta' Terry Limited u l-attur ma setax aktar jivvanta xi talba ghar-risarciment.

Illi l-ewwel u r-raba' punti hawn fuq elenkati huma assorbiti fil-gudikat billi huma nkonsistenti ma' dak deciz fl-ewwel sentenza.

Illi premess li n-nota ta' ammissjoni kienet gja milqugha, anke il-punti rimanenti jikkozzaw mal-gudikat u l-Qorti kellha tghaddi biex taccetta l-istima ammessa minn Joseph Pace. Ghandu jinghad li l-HSBC Bank Malta plc kienet ittentat appell mill-ewwel sentenza u din giet michuda in kwantu gie ritenut li ma kellhiex interess guridiku f'kawza li kienet wahda ghad-danni u mhux ghar-rexxissjoni tal-bejgh.[17]

---

[17] L-interess tal-Bank hu desunt mill-fatt li permezz ta' sentenza moghtija mill- Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Dicembru 2003, fil-kawza fl-ismijiet HSBC Malta p.l.c. v. STG Limited; Terry Limited; Louis Scicluna and Vivienne Sciclunai; Anthony Spiteri u Josette Spiteri; Joseph Pace u Carmen Pace (Cit. Nru. 2572/97/GCD) il-Bank esponent gie kanonizzat kreditur tal-konvenuti fis-somma ta' mitt elf lira (Lm100,000) flimkien ma' l-imghaxijiet bi 8% mit-22 ta' Jannar 1998, sal-hlas

**Illi fid-dawl tal-premess il-Qorti ser tghaddi biex tilqa' t-tieni talba biex tqies li fil-kawza numru 512/89 Joseph Borg *proprio et nomine* vs. Terry Limited, ir-rikorrenti ma kellhomx smigh xieraq tal-kawza u dan bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta).**

**Konsegwentement ser tichad l-ewwel eccezzjoni u r-raba' eccezzjoni kif imfissra fil-paragrafi:**

**4.(a)(b) u (c) .**

**ARTIKOLU 7 TAL-KONVENZJONI - it-Tielet Talba**

Illi r-rikorrent *pro et nomine* qed jitlob ukoll dikjarazzjoni li sofra vjolazzjoni tal-garanzija tac-certezza legali bi ksur tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni.

Illi l-intimat eccepixxa li dan l-artikolu jirreferi ghar-reati kriminali. Inoltre r-rikorrent qed jilmenta minn incertezza li allegatament tirrizulta minn diversi sentenzi moghtija fil-proceduri surriferiti u mhux minn incertezza fl-interpretazzjoni ta' Ligi partikolari.

Ikkonsidrat li permezz ta’ dan l-Artiklu, il-Konvenzjoni Ewropea tesprimi principju bazilari tar-*rule of law* - illi hija biss ligi li tista’ validament tiddefinixxi reat u timponi l-kastig

---

effettiv u bl-ispejjez. Terry Limited kien qed jaghmel tajjeb ghal dan id-dejn bhala garanti solidali bl-artijiet in mertu li, fir-realta, kienu milquta b'mandat ta' inibizzjoni.

(*nullum crimen sine lege nulla poena sine lege*). Minn dan jirrizulta illi r-reati u l-konsegwenzi taghhom ghandhom ikunu stabbiliti bil-ligi b'mod illi dak li jkun ikun jaf mill-kliem tal-ligi innifisha dak li tipprojbixxi l-ligi (ara "**Scoppola vs Italy**[18]").

Madanakollu taqbel mal-intimat li dan l-artikolu jirreferi ghall-proceduri kriminali u mhux civili. Dan l-artikolu testwalment jiddisponi hekk:

*"7 (1) Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skont liġi nazzjonali jew internazzjonali fil-ħin meta jkun sar. Lanqas ma għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat kriminali jkun sar.*
*(2) Dan l-Artikolu ma għandux jippreġudika l-proċeduri u l-applikazzjoni tal-piena ta' xi persuna għal xi att jew ommissjoni li, fiż-żmien meta jkun sar, kien kriminali skont il-prinċipji ġenerali tal-liġi rikonoxxuti min-nazzjonijiet ċivilizzati."*

Ghaldaqstant tqies li dan l-artikolu huwa inaplikabbli fil-kaz odjern u konsegwentement tilqa' l-eccezzjoni sollevata fil-paragrafu **4(e) tar-risposta tal-intimat** filwaqt li tichad it-tielet talba tar-rikorrent.

**Ir-Raba' Talba - Ksur tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni.**

[18] ECHR - 17 ta' Settembru 2009.

Illi r-rikorrent jilmenta li minhabba l-vjolazzjoni tal-principju ta' *res judicata*, safa minghajr rimedju effettiv bi ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni.

Illi l-**Artikolu 13 tal-Konvenzjoni** jiddisponi :

*"Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali għalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jaġixxu f'kariga uffiċjali."*

Illi l-intimat eccepixxa li l-fatt li t-talbiet rimanenti gew michuda mill-Qorti u giet milqugha l-kontro-talba ta' Terry Limited ma jfissirx li kien hemm ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni.

Illi dan l-artikolu konvenzjonali jirreferi ghad-disponibbilita' favur ic-cittadin ta' rimedju effettiv ghal-lezjoni reklamata.

Hekk ad ezempju fil-kaz **Klass v Germany**[19] il-Qorti Ewropea spjegat :

"*...Article 13 requires that where an individual considers himself to have been prejudiced by a measure allegedly in breach of the Convention, he should have a remedy before a national authority in order both to have his claim decided and , if appropriate, to obtain redress. Thus Article 13 must be interpreted as guaranteeing an effective remedy*

---

[19] A 28(1979;2EHRR214 para 4 PC

*before a national authority to everyone who claims that his rights and freedoms under the Convention have been violated "*

Dan ifisser li r-rikorrent irid ikollu *an arguable claim* (**Silver v UK).**[20]

Illi jirrizulta li gie mcahhad minn kumpens adegwat in risarciment tad-danni subiti *stante* l-konsiderazzjonijiet tal-Qorti fit-tieni sentenza kif fuq deciz.

Ikkonsidrat li l-Artikolu 13 jiggarantixxi biss li fejn ikun hemm vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali ghandu jinghata rimedju effettiv.

L-awturi **Jacobs & White and Ovey,** fil-ktieb "*European Convention on Human Rights* ", (3.ed) jghidu li: "*Article 13 offers a measure of respect for national procedural autonomy; this refers to the ability of each Contracting State to determine the form of remedies offered to meet its obligations under the article....National procedural autonomy does not however, extend to the very existence of a remedy, since Article 13 requires that there is an effective remedy to enforce the substance of the Convention rights in the national legal order."*

Inoltre kif gie ribadit mill ECtHR fil-kaz **Kudla v Poland**[21]:

[20] A 61 (1983);13 EHRR 582 para 113.
[21] 16 ta' Ottubru 2000 (App. no. 30210/96)

"152....*The object of Article 13, as emerges from the travaux préparatoires (see the Collected Edition of the "Travaux Préparatoires" of the European Convention on Human Rights, vol. II, pp. 485 and 490, and vol. III, p. 651), is to provide a means whereby individuals can obtain relief at national level for violations of their Convention rights before having to set in motion the international machinery of complaint before the Court......*

Fid-decizjoni recenti tal-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea fil-kaz ***Centre for Legal Resources on behalf of Valentin Câmpeanu v. Romania*** [GC][22] moghti fis-17 ta' Lulju 2014 dawn il-principji ingabru fis-segwenti :

*"Article 13 of the Convention guarantees the availability at the national level of a remedy to enforce the substance of the Convention rights and freedoms in whatever form they might happen to be secured in the domestic legal order. The effect of Article 13 is thus to require the provision of a domestic remedy to deal with the substance of an "arguable complaint" under the Convention and to grant appropriate relief, although Contracting States are afforded some discretion as to the manner in which they conform to their Convention obligations under this provision. The scope of the obligation under Article 13 varies depending on the nature of the applicant's complaint under the Convention. Nevertheless the remedy required by Article 13 must be "effective" in practice as well as in law. In particular, its exercise must not be unjustifiably hindered by*

[22] App Nru 47848/08

*the acts or omissions of the authorities of the respondent State (see Paul and Audrey Edwards v. the United Kingdom, no. 46477/99, §§ 96-97, ECHR 2002-II).*[23]"

Illi fil-kaz odjern ma jistax jinghad li r-rikorrent ma kellux rimedju effettiv a disposizzjoni tieghu biex jitlob il-protezzjoni tad-drittjiet tieghu kif sanciti mill-Konvenzjoni anke permezz tal-proceduri odjerni.

Illi jigi rilevat li r-rikorrent irtira l-hames talba tieghu ghat-thassir tas-sentenzi in mertu u b'hekk irrinunzja <u>f'dawn il-proceduri</u> ghal dan ir-rimedju li kien ikun wiehed effettiv.

**Ghaldaqstant il-Qorti ma ssibx vjolazzjoni tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni u konsegwentement tichad ir-raba' talba.**

**L-Ewwel Talba u s-Sitt Talba- Rimedju u Kumpens**

**Illi r-rikorrent talab ukoll li din il-Qorti taghti rimedju sabiex tizgura t-twettiq tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent kif ukoll li jinghata kumpens xieraq.**

Ikkonsidrat li huwa minnu li l-Qrati taghna, u anke l-Qorti Ewropea, gieli ippronunzjaw ruhhom fis-sens li dikjarazzjoni ta' ksur hija bizzejjed. Izda l-Qorti mhix tal-fehma li ghandha tieqaf hawn. Min-naha l-ohra ma taqbilx li ghandha takkorda kumpens ghad-danni materjali fit-termini mitluba.

[23] Para 148.

Ikkonsidrat li r-rikorrent sofra lezjoni fid-dritt tieghu ghas-smigh xieraq billi l-Qorti injorat u gabet fix-xejn is-sentenza tat-18 ta' Gunju 2004 li ghaddiet in gudikat u li permezz tal-istess gie dikjarat li Terry Limited kienet responsabbli ghad-danni lejn l-istess rikorrent, fl-istess kwalita' tieghu premessa. Illi b'konsegwenza ta' dan, il-Qorti fit-tieni sentenza, skartat l-ammissjoni ta' Terry Limited *stante* kolluzjoni bejn r-rikorrent u Joseph Pace, u cahhdet it-talba ghad-danni. Ir-rikorrent b'hekk baqa' minghajr risarciment minnkejja dak deciz bl-ewwel sentenza u bi ksur tal-principju ta' *res judicata* kif intiz fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni .

Ikkonsidrat li l-Qorti fit-tieni sentenza wasslet ghal dan il-pronunzjament billi rovexxjat dak deciz u deliberat fl-ewwel sentenza u skartat l-ammissjoni tal-istess konvenut li kien ammetta li d-danni subiti mir-rikorrent kienu jammontaw ghal-Lm460,000, illum €1,071,512. Din is-somma, fil-fehma ta' din il-Qorti kellha titqies bhala l-*minimum quantum* tad-danni likwidabbli favur ir-rikorrenti.

Illi l-partijiet ittrattaw dan il-punt fid-dettal fit-trattazzjoni finali u gie sottomess mill-abbli difensuri, min-naha l-wahda tar-rikorrent li l-kumpens ghandu jinkludi r-risarciment ghad-danni materjali, u min-naha tal-intimat, li l-kumpens f'dawn il-proceduri ghandu jkun limitat ghall-kumpens ghal-lezjoni subita u mhux ghad-danni materjali.

Illi effettivament ir-rikorrent fisser li qed jippretendi rimedju fuq zewg binarji u cioe`:

1. Illi din il-Qorti tiddikjara illi hu ma kienx kompartecipfi fil-korruzzjoni - anzi li kien vittma tal-korruzzjoni;
2. Li jigi kkumpensat materjalment ghall-valur ta' 13-il *plot* misruqa minnu fl-ammont ta' disa' mitt elf lira Maltin circa (Lm900,000).

Illi din il-Qorti mhix tal-fehma li ghandu jigi likwidat bhala *just satisfaction* fil-kuntest ta' dawn il-proceduri ammont ta' danni materjali. Kif gja gie senjalat, ir-rikorrent ghazel li jirtira l-hames talba tieghu u ghalhekk din il-Qorti hija prekluza milli thassar it-tieni sentenza li kien ikun <u>l-ahjar forum</u> sabiex jottjeni kumpens materjali. Jigi senjalat li l-partijiet fil-proceduri civili, cioe` Terry Limited u l-intervenuti fil-kawza, lanqas huma parti mill-kawza odjerna u jekk hemm persuna li ghandha tigi kkundannata li thallas id-danni materjali hija proprju s-socjeta' Terry Limited li, *del resto* kif gie kkostatat minghajr tlaqliq fl-ewwel sentenza, iggwadanjat mill-isfortuni ta' Joseph Borg.

Ikkonsidrat li d-danni *ex delicto* ghandhom jithallsu mill-persuna li kienet iggudikata responsabbli ghalihom, cioe` Terry Limited. Joseph Pace qatt ma refa' f'termini konkreti u attwali, r-responsabbilita' tieghu u r-rikorrent sofra telf anke minhabba konsiderazzjonijiet tat-tahwid fin-negozju tal-imsemmi Joseph Pace, hekk kif instab mill-Qorti kif

diversament presjeduta fil-proceduri ohra tal-istralc u li semmew fit-tieni sentenza mill-Imhallef Raymond Pace.

Terga' ttenni li zbalji ta' fatt jew ta' ligi mhumiex rilevanti ghal dawn il-proceduri u din il-Qorti infatti mhix ser tippronunzja ruhha dwar dawn l-izbalji. Gja gie deciz li it-tieni sentenza qabbzet il-konfini tar-'res judicata' b'dannu ghall-istess rikorrent.

Izda ghalkemm il-Qorti fis-Sede Kostituzzjonali taghha ghandha setghet wiesghin, b'dan ma jfissirx li dawn il-proceduri jistghu jintuzaw sabiex jirrimpjazzaw proceduri ordinarji fejn it-talbiet tar-rikorrent dwar il-likwidazzjoni u l-kundanna hlas setghu jigu ventilati mill-gdid.

Il-Qorti hawn qed tirreferi ghall-procedura ta' ritrattazzjoni fit-termini tal-**artikolu 811(h) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**[24]**,** li ghal xi raguni mhux spjegata, l-istess rikorrent ghazel li ma jipproponix talba f'dan is-sens.

Illi ir-rimedju gust kien ikun li r-rikorrent jitpogga fis-sitwazzjoni li kien meta l-kawza waslet ghas-sentenza fuq it-tliet talbiet rimanenti. Izda fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ir-rimedju lanqas jista' jinghata llum galadarba giet irtirata l-hames talba odjerna mir-rikorrenti stess, u gjaladarba l-

[24] Dan is-subartikolu jghid li "kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Ċivili, Prim Awla, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:
-omissis-
*(h) jekk is-sentenza tkun kuntrarja għal sentenza oħra ta' qabel, deċiża bejn l-istess partijiet, fuq l-istess oġġett, u li għaddiet f'ġudikat, basta li l-eċċezzjoni ta' res judicata ma tkunx ġiet mogħtija u deċiża"*

partijiet kollha f'dawk il-proceduri mhumiex parti mill-kawza odjerna. Il-Qorti ghalhekk ma tistax tippronunzja ruhha kontra Terry Limited jew taghti sentenza li tohloq stat ghall-kontendenti f'dawk il-proceduri.

Madanakollu l-Qorti ser tirriserva favur ir-rikorrent *pro et nomine* il-jedd li jitlob ir-rimedju ulterjuri tat-thassir tas-sentenzi lanjati fi proceduri appoziti anke f'din il-kompetenza, abbazi ta' dak li qed jigi illum deciz. Dan ghaliex tqies li l-abbuz tal-principju ta' *res judicata* li sehh permezz tas-sentenzi lanjati huwa leziv tal-principju l-aktar fondamentali tas-saltna tad-dritt (*rule of law)* u tal-istess artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Ghalhekk ir-rikorrent ghandu d-dritt li jitpogga fl-*istatus quo ante,* izda dan irid isir bi pronunzjament ulterjuri f'sede fejn il-kontendenti huma kollha msejha.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li hasbet fit-tul dwar ir-rimedju xieraq ser tiddeciedi din it-talba billi b'zieda mad-dikjarazzjoni ta' lezjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni kif fuq premess li ser tinghata fil-kuntest tat-tieni talba tar-rikorrent:

- tiddikjara wkoll li Joseph Borg kien vittma ta' minacci serji b'tali mod li l-kunsens tieghu moghti fuq il-kuntratt tat-8 ta’ Dicembru 1981 fl-atti tan-Nutar Dottor Victor J Bisazza bejn is-socjeta’ Paola Development Co. Ltd (PCDL) u s-socjeta’ Terry Limited kien karpit b'theddid u vjolenza li sehhew f'qafas ta' korruzzjoni u li ghalhekk ghandu jigi meqjus bhala vittma ta' tali korruzzjoni; u

- konsegwentement tillikwida l-ammont ta' hamsin elf ewro (€50,000) bhala kumpens ghal-lezjoni subita; u

- Tirriserva favur ir-rikorrent *proprio et nomine* il-jedd li jipprocedi ulterjorment ghat-thassir tas-sentenzi moghtija fil-kawza 512/1989 fl-ismijiet infraskritti, li nghataw mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Gunju 2010 u mill-On.Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Gunju 2014 u ghar-risarciment tad-danni materjali ghat-telf fil-valur ta' 13-il *plot* mill-artijiet in mertu li sofra abbazi tas-sentenza li qed tinghata illum, u fejn l-ammissjoni ta' Terry Limited ghandha tigi accettata bhala ammissibbli u valida, liema proceduri ghandhom isiru quddiem il-Qorti kompetenti anke f'sede kostituzzjonali.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tiddisponi mit-talbiet u mill-eccezzjonijiet billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar tal-hames talba u tat-tieni u tat-tielet eccezzjonijiet ghar-ragunijiet fuq dedotti:

**Tilqa' t-tieni (2) talba** u tiddikjara illi fil-kawza numru 512/89 fl-ismijiet **Joseph Borg *proprio et nomine* vs. Terry Limited et**, gew lezi d-drittijiet tar-rikorrent *proprio et nomine* bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta) ghar-ragunijiet spjegati;

**Tilqa' wkoll l-ewwel (1) talba** u **s-sitt (6) talba** billi b'zieda mad-dikjarazzjoni ta' lezjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni kif fuq premess:

i) tiddikjara wkoll li Joseph Borg kien vittma ta' minacci serji b'tali mod li l-kunsens tieghu moghti fuq il-kuntratt tat-8 ta' Dicembru 1981 fl-atti tan-Nutar Dottor Victor J Bisazza bejn is-socjeta' Paola Development Co. Ltd (PCDL) u s-socjeta' Terry Limited kien karpit b'theddid u vjolenza li sehhew f'qafas ta' korruzzjoni u li ghalhekk ghandu jigi meqjus bhala vittma ta' tali korruzzjoni; u

ii) konsegwentement tillikwida l-ammont ta' hamsin elf ewro (€50,000) bhala kumpens ghal-lezjoni subita ; **u**

iii) Tirriserva favur ir-rikorrent *proprio et nomine* il-jedd li jipprocedi ulterjorment ghat-thassir tas-sentenzi moghtija fil-kawza 512/1989 fl-ismijiet *Joseph Borg f'ismu proprju u fil-kwalita` tieghu ta' direttur tas-socjeta` Marks and Charles Limited ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess v Joseph Pace fil-kwalita` tieghu ta' direttur tas-socjeta` Terry Limited ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess; u Norman Buckle u Victor Balzan fil-kwalita` taghhom ta' diretturi tas-socjeta` Paola Development Co. Ltd ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess ghal kwalunkwe interess li jista' jkollhom, u b'digriet tal-11 ta' Gunju 2008 il-Qorti ordnat li HSBC Bank Malta p.l.c jigi mdahhal fil-kawza in statu et terminis; u b'digriet tal-24 ta' Marzu 2009 il-Qorti awtorizzat li s-socjeta` VICA Limited tintervjeni fil-kawza in statu et terminis; u b'digriet iehor datat 26 ta' Marzu 2009*

*awtorizzat lis-socjeta` Paola Developments Company Limited tintervjeni fil-kawza in statu et terminis,*li inghataw mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Gunju 2010 u mill-On.Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Gunju 2014 u ghar-risarciment tad-danni materjali ghat-telf fil-valur ta' 13-il *plot* mill-artijiet in mertu li sofra u dan abbazi tas-sentenza li qed tinghata llum u fejn l-ammissjoni ta' Terry Limited ghandha tigi accettata bhala ammissibbli u valida, liema proceduri ghandhom isiru quddiem il-Qorti kompetenti anke f'sede kostituzzjonali.

Tiddisponi mit-talbiet rimanenti billi tichad l-istess u konsegwentement tichad **l-ewwel (1)** u **r-raba'** eccezzjonijiet **4 (1) (b) u (c),** u l-**hames (5)** eccezzjoni, u tilqa' l-eccezzjoni **4 (d) u (e).**

**L-ispejjez jithallsu mill-Intimat.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**26 ta' Jannar 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**26 ta' Jannar 2017**